# MALTA
# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 t'April 2016

Talba Numru: 589/2015

Numru fuq il-Lista: 4

**Anthony u Nazzarena sive Rena Schembri**
**K.I. 506246(M) u 363850(M) rispettivament**

**vs.**

**Martin Baron K.I. 234859(M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2015, illi permezz tiegħu l-atturi talbu mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elfejn u ħamsa u disgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2095.96) premess illi:

> Il-konvenut kien iddepożita l-kera tal-fond numru erba' mija u sebgħa (407) ġja tliet mija u ħamsa u sebgħin (375), triq Ħaż-Żabbar, Fgura għall-iskadenzi ta' kera mill-ewwel (1) t'Awwissu tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) sal-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998), liema depożiti b'kollox kienu jammontaw għas-somma ta' elf tlett mija u tlieta u tmenin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,383.88).

Illi meta l-atturi marru jirtiraw dawn id-depożiti wara illi nqatgħet il-kawża numru 17/07 GG fl-ismijiet "Anthony Schembri et vs. Martin Baron" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fid-29 ta' Ottubru 2014 skoprew illi ad insaputa tagħhom, l-imsemmi Martin Baron kien żbanka l-ammont depożitat fis-sitta (6) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) u għalhekk, dan l-ammont għadu dovut.

Illi peress illi si tratta minn kirja ta' fond kummerċjali, iddekorra ipso jure l-imgħax kummerċjali ta' tmienja fil-mija illi sal-ħamsa ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ammonta għal elf ħames mija u tliet ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€1,503.82).

Illi l-atturi għandhom jagħtu lill-konvenut is-somma ta' seba' mija u wieħed u disgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€791.74) bħala drittijiet u spejjeż tal-kawża imsemmija numru 17/07GG u għaldaqstant, il-konvenut għandu jagħtihom is-somma ta' elfejn u ħamsa u disgħin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu.

Bl-ispejjeż tal-preżent u u bl-imgħax ulterjuri sas-data tal-ħlas effettiv.

Ra r-**Risposta tal-konvenut** ppreżentata fl-20 ta' Jannar 2015, li biha eċċepixxa:

Illi t-talba qiegħda tiġi kkontestata stante illi l-ammont m'hux dovut għaliex in ogni każ it-talba hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(c) tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-konvenut u r-ra d-dokument minnu esebit minn fejn irriżulta illi l-ammont ta' kera pretiż f'din il-kawża kien ilu li ġie saldat mill-25 ta' Ġunju 2001.

Ra n-nota tal-atturi ippreżentata fis-16 ta' Marzu 2016, illi permezz tagħha l-atturi ċedew l-atti tal-kawża iżda żammu ferm il-kap tal-ispejjeż.

Ra l-verbal tas-16 ta' Marzu 2016 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal jikkonsidra illi din l-azzjoni mressqa mill-atturi hija għal kollox frivola u vessatorja, u fil-fatt kien qiegħed jikkonsidra l-applikazzjoni tal-penali stipulati fl-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda għal din id-darba biss mhuwiex ser japplika l-imsemmija penali fil-konfront tal-atturi, iżda ser jikkondannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, bl-intiża ċara li l-akkadut ma jerġax iseħħ sia fil-konfront tal-konvenut odjern u sia fil-konfront ta' persuni oħra.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jesprimi ruħu fuq il-mertu tal-kawża, stante li dan ġie ċedut mill-atturI, jiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-kawża billi jordna illi l-ispejjeż jitħallsu interament mill-atturi.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur